MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 73/2004

**Image Systems Limited (C4052)**

**Vs**

**Duncan Buttigieg**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ sitt mija u tlieta w erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm643.59c) u dan rapprezentanti prezz ta’ bejgh ta’ apparat li gie kkonsenjat u ta’ servizzi pprovduti mill-istess socjeta’ attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha ddikjara li l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante illi l-apparat in kwistjoni gie mehud lura volontarjament mis-socjeta' attrici u kwindi s-socjeta' attrici rikonoxxiet li s-sitwazzjoni hi dik ta' status quo ante qabel il-bejgh ta' l-apparat in kwistjoni u ghalhekk kull ammont mitlub m'huwiex dovut skond il-ligi.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni, ghandu jitnaqqas il-valur ta' l-apparat in kwistjoni peress illi s-socjeta' attrici m'ghaddietx ghad-dispozizzjoni ta' l-istess apparat.

Sema' x-xhieda ta' Ian Romano.

Ra d-dokumenti esebiti u partikolarment in-Nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm151.88c).

Sema' t-trattazzjoni ta' l-Avukat Vanessa Borg ghas-socjeta' attrici u l-Avukat Charmaine Zammit ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Duncan Buttigieg kien xtara *photocopier* versu l-prezz ta' erba' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm454.25c) u kellu jhallas ratealment izda huwa ma hallasx, cjoe' ma zammx mal-pagamenti miftiehma u wara sena s-socjeta' attrici hadet lura l-magna.

Mis-somma ta' erba' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm454.25c) il-konvenut ma hallas xejn u ghalhekk is-socjeta' attrici qieghda titlob is-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm151.88c) rapprezentanti l-ammont pro-rata li kien obbligat ihallas il-konvenut sa dakinhar li ngabret il-magna, cjoe' ekwivalenti ghall-pagamenti rateali sa dakinhar flimkien mal-kumpens ghall-kopji maghmula.

Jirrizulta illi meta l-magna giet ikkonsenjata lill-konvenut kellha *reading* li ttiehdu tlett mija u hamsin (350) kopja u meta s-socjeta' attrici hadet lura l-magna kellha *reading* ta' tlett elef tlett mija u disgha u ghoxrin (3,329) kopja u ghalhekk jidher illi saru elfejn disa' mija u disgha u sebghin (2,979) kopja. B'rata stipulata ta' centezmu u zewg millezmi (1c2) plus VAT u tenut kont illi l-konvenut zamm il-*photocopier* ghandu u ghall-perjodu ta' sena skattaw tnax-il pagament ta' disa' liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm9.21c) kull wiehed, dan igib total ta' l-ammont mitlub fil-kawza ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm151.88c).

Illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi in kontestazzjoni ta' dan l-ammont.

Illi l-ammont kif ridott huwa anqas mill-ammont originarjament mitlub u ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm151.88c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz. L-ispejjez ikunu kwantu ghal kwart (¼) ghall-konvenut u tlett kwarti (¾) ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------